# Il-Ħadd 29.04.2018

1. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 30/04: PM: Triq Dun Karm Vella
   - It-Tlieta 01/05: **San Ġużepp Ħaddiem – *Ma jsirx tberik***
   - L-Erbgħa 02/05: PM: Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Qerd in-Naħal
   - Il-Ħamis 03/05 AM: Triq Piju Zammit, Triq Ananija, Triq Stiefnu Erardi, Triq il-Palma
     PM: Triq il-Ħlantun
   - Il-Ġimgħa 04/05: PM: *Ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*

2. Il-Ħamis 03/05:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa għall-Ġenituri ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

3. Il-Ġimgħa 04/05, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

4. Is-Sibt 05/05: **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta – JUM 1**
   - Fis-5:45pm - Qrar mill-Arċisqof fil-knisja.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof fil-knisja animata mill-Kor 'Sine Macula'
     *(Mistiedna speċjali huma l-Operaturi Pastorali: K.P.P., Kummissjonijiet, Għaqdiet, Fratelli, Kor, eċċ.)*
   - Fit-7:45pm - Tberik tal-Kappella tal-Museum Subien u laqgħa tal-Arċisqof mal-Operaturi Pastorali fil-Museum Subien.

5. Il-Ħadd 06/05: **Is-Sitt Ħadd tal-Għid**:-
   **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta – JUM 2**
   - Fid-9:15am - Qrar mill-Arċisqof fil-knisja.
   - Fl-10:00am - Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof fil-knisja
     *(Mistiedna speċjali huma t-Tfal, l-Adolexxenti, il-Ġenituri, u l-Katekisti)*
   - Fil-11:30am san-12:30pm - Laqgħa tal-Arċisqof mal-Kunsill Lokali u Membri tas-Soċjeta' Ċivili fis-Sala tal-Każin San Pawl.
   - Fil-5:30pm - Żjajjar lil 3 realtajiet familjari *(30 mins)*
   - Fis-7:30pm sat-8:30pm - Laqgħa tal-Arċisqof maż-Żgħażagħ fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali.

6. It-Tnejn 07/05: **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta – JUM 3**
   - Fl-10:15am - Waqfa u ħin qasir ta' talb fil-Kappella tal-Adorazzjoni, il-knisja ta' S. Marija.
   - Fl-10:30am - Żjara tal-Arċisqof fl-Iskola Primarja ta' Ħal Safi.
   - Fil-12:15pm - Żjara tal-Arċisqof lis-Sorijiet Dumnikani fil-Kunvent u ħin ta' talb fil-kappella magħhom.

7. Bħala rigal ta' apprezzament lill-Arċisqof li ġej iżur il-Parroċċa tagħna u inkuraġġiment għall-missjoni tiegħu, ħsibna li nagħtuh donazzjonijiet biex imorru għall-Fond ta' Karità li għandu biex jgħin lill-persuni fil-bżonn. Għaldaqstant, minn issa sa' tmiem il-Viżta Pastorali, ser inkun qed nilqa' xi donazzjonijiet li tixtiequ twasslulu għal dan il-Fond. Grazzi bil-quddiem.

8. Il-Ħamis 10/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm.
     Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem matul din il-ġimgħa mingħand il-helpers.